Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,204, 31 ta' Jannar, 2014
Taqsima B

A.L. 36 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Built Environment Studies – B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Built Environment Studies – B.Sc. (Hons) – u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Built Environment Studies – B.Sc. (Hons) – - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni, ippubblikati bħala Avviż Legali 288 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (ċ) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) ikunu għaddew fil-Livell tal-Matrikola Intermedju f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin: il-Matematika Applikata (Mekkanika) (sakemm mhux offrut fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola), l-Arti, il-Kimika, il-Computing, l-Engineering Drawing u l-Graphical Communication, l-Ingliż, l-Istorja, l-Information Technology, il-Filosofija, il-Matematika Pura (sakemm mhux offrut fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola), u s-Soċjoloġija."